

Paġna ewlenija>Sib professjonist legali>Tipli ta' professjonijiet legali

Tipli ta' professjonijiet legali

Portugall

Din il-paġna tagħtik ħarsa ġenerali lejn il-professjonijiet legali fil-Portugall.

Imħallfin tal-qorti ġudizzjarja u mħallfin tal-qorti amministrattiva u fiskali

Kif stabbilit fil-Kostituzzjoni Portugiża, l-imħallfin jiffurmaw parti minn korps sovrani – il-Qrati.

L-imħallfin huma marbuta biss mil-liġi u jamministraw il-ġustizzja f'isem il-poplu.

L-imħallfin tal-qorti ġudizzjarja huma rregolati mill-Kostituzzjoni u mill-Istatut tal-Imħallfin tal-Qorti Ġudizzjarja (*Estatuto dos Magistrados Judiciais*). F'konformità mal-ġerarkija tal-qrati rispettivi, hemm tliet tipi ta' mħallfin tal-qorti ġudizzjarja:

Imħallfin tal-Qorti Suprema (*Supremo Tribunal de Justiça*), imsejħin *Conselheiros*;

Imħallfin tal-Qrati tal-Appell (*Tribunais das Relações*), imsejħin *Desembargadores*;

Imħallfin tal-qrati tal-prim'istanza, imsejħin *Juízes de Direito*.

L-imħallfin tal-qorti amministrattiva u fiskali huma rregolati mill-Kostituzzjoni, mill-Istatut tal-Qrati Amministrattivi u Fiskali (*Estatuto dos Tribunais Administrativos e Fiscais*) u fuq bażi sussidjarja mill-Istatut tal-Imħallfin tal-Qorti Ġudizzjarja. F'konformità mal-ġerarkija tal-qrati rispettivi, hemm tliet tipi ta' mħallfin tal-qorti amministrattiva u fiskali:

Imħallfin tal-Qorti Amministrattiva Suprema (*Supremo Tribunal de Justiça*), imsejħin *Conselheiros*;

Imħallfin tal-Qrati Amministrattivi Ċentrali, imsejħin *Desembargadores*;

Imħallfin tal-qorti amministrattiva distrettwali u tal-qorti fiskali, imsejħin *Juízes de Direito*.

L-aċċess għall-professjoni ta' mħallf huwa proċess maqsum fi tliet stadji li jinkludi: kompetizzjoni pubblika; kors ta' taħriġ teoretiku u prattiku li jsir fiċ-Ċentru għall-Istudji Ġudizzjarji (*Centro de Estudos Judiciários*); u apprendistat. Jekk itemmu b'suċċess it-tliet stadji, jinħatru *Juízes de Direito*.

L-imħallfin ikomplu jiħarrġu tul il-karriera tagħhom.

Il-Kunsill Għoli għall-Ġudikatura (*Conselho Superior da Maġistratura*) iwettaq spezzjonijiet regolari fil-qrati tal-prim'istanza, u l-Kunsill Għoli għall-Qrati Amministrattivi u Fiskali (*Conselho Superior dos Tribunais Administrativos e Fiscais*) jagħmel l-istess għall-imħallfin ta' dawn il-qrati. Wara kull spezzjoni, l-imħallfin ikunu kklassifikati skont il-mertu bħala tajbin ħafna, tajbin b'distinzzjoni, tajbin, suffiċjenti u medjokri. Jekk imħallf jiġi kklassifikat bħala "medjokri", huwa jiġi sospiż minn funzjonijiet tiegħu u ssir inkjesta biex tiġi vvalutata l-idoneità tiegħu għal dan ix-xogħol.

Il-Kunsill Għoli għall-Ġudikatura u l-Kunsill Għoli għall-Qrati Amministrattivi u Fiskali huma responsabbli għall-ħatra, il-kollokament, it-trasferiment, il-promozzjoni u t-teħid ta' azzjonijiet dixiplinari fir-rigward ta' mħallfin tal-qrati ġudizzjarji u l-qrati amministrattivi u fiskali.

Biex ikunu żgurati l-indipendenza u l-imparzjalità tal-imħallfin, il-Kostituzzjoni tistipula li l-imħallfin ma jistgħux jaqdu funzjonijiet oħrajn, la pubbliċi u lanqas privati, bl-eċċezzjoni ta' taħlim jew rikerka xjentifika bla ħlas fil-qasam tal-liġi. L-imħallfin jistgħu jiġu ttrasferiti, sospiżi, irtirati jew imneħħija biss fil-każijiet previsti fil-liġi; huma ma jinżammux responsabbli għad-deċiżjonijiet tagħhom, ħlief fejn il-liġi tipprevedi eċċezzjonijiet.

Iktar informazzjoni tinsab fuq <https://www.csm.org.pt/> u <https://www.cstaf.pt/>.

Prosekuturi fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (*Ministério Público*)

Il-prosekuturi fl-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jirrapreżentaw l-Istat, imexxu l-prosekuzzjonijiet u jiddefendu l-istat tad-dritt demokratiku u l-interessi ddeterminati mil-liġi. Il-prosekuturi pubbliċi għandhom l-istat u l-awtonomija tagħhom kif previst mil-liġi.

L-aċċess għall-professjoni ta' prosekutur pubbliku huwa permezz ta' kompetizzjoni pubblika, li jikkonsisti f'testijiet tal-għarfien, valutazzjoni tas-CV u eżami psikoloġiku, li ikoll isiru fiċ-Ċentru għall-Istudji Ġudizzjarji (*Centro de Estudos Judiciários*).

Il-kandidati li jgħaddu jinħatru bħala prosekuturi li qed jagħmlu l-prattika (*auditores de justiça*). Ladarba jlestu t-taħriġ teoretiku u prattiku fiċ-Ċentru għall-Istudji Ġudizzjarji, jinħatru deputati prosekuturi apprendisti.

Il-karriera ta' prosekutur pubbliku tikkonsisti f'ħames livelli, elenkati f'ordni ġerarkika:

Prosekutur Ġenerali (*Procurador-Geral da República*);

Viċi Prosekutur Ġenerali (*Vice-Procurador-Geral da República*);

Deputat Prosekutur Ġenerali (*Procurador-Geral Adjunto*);

Prosekutur Distrettwali (*Procurador da República*);

Deputat Prosekutur Distrettwali (*Procurador da República Adjunto*).

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (*Procuradoria-Geral da República*) huwa l-ogħla korps fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u huwa presedut mill-Prosekutur Ġenerali. Dan jinkludi wkoll il-Kunsill Għoli għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (*Conselho Superior do Ministério Público*), il-Kunsill Konsultattiv, konsulenti legali uffiċjali u servizzi ta' appoġġ.

Il-Kunsill Għoli għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku huwa responsabbli għall-ħatra, il-kollokament, it-trasferiment u l-promozzjoni tal-prosekuturi pubbliċi u għat-teħid ta' azzjonijiet dixiplinari kontrihom.

Iktar informazzjoni tinsab fuq <http://www.ministeriopublico.pt/>.

Avukati (*Advogados*)

L-avukati huma professjonisti legali li, ladarba jirreġistraw ruħhom mal-Kamra tal-Avukati, jipprovdu rappreżentanza ġuridika u konsulenza ġuridika, li jikkonsistu fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli tal-liġi fuq talba ta' parti terza.

Ir-reġistrazzjoni mal-Kamra tal-Avukati (*Ordem dos Advogados*) fil-Portugall hija meħtieġa biex persuna tkun tista' taħdem bħala avukat.

Biex wieħed ikollu aċċess għall-professjoni, jeħtieġ li:

ikollu lawrja fil-liġi Portugiża jew kwalifika fil-liġi ta' livell universitarju minn barra l-Portugall, jekk din il-kwalifika titqies li tkun ekwivalenti għal lawrja jew tkun ġiet rikonoxxuta bħala tal-istess livell;

jagħmel prattika ta' 18-il xahar, li tinkludi żewġ stadji ta' taħriġ: l-ewwel stadju ta' taħriġ, li jdum sitt xhur, u l-istadju ta' taħriġ addizzjonali, li jdum 12-il xahar; jgħaddi mill-eżami miktub u dak orali tal-Avukatura.

Iċ-ċittadini barranin li kisbu l-lawrja tagħhom fil-Portugall jistgħu jirreġistraw mal-Kamra tal-Avukati Portugiża bl-istess mod bħaċ-ċittadini Portugiżi, sakemm il-pajjiż tan-nazzjonalità tagħhom jagħti drittijiet identiċi liċ-ċittadini Portugiżi.

L-avukati minn Stati Membri oħrajn tal-UE li jixtiequ jistabbilixxu ruħhom b'mod permanenti, bil-ħsieb li jaħdmu fil-Portugall bit-titolu professjonali tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom, iridu jirreġistraw mal-Kamra tal-Avukati. F'każijiet bħal dawn, huma jistgħu jipprovdur rappreżentanza legali fil-qorti biss taħt il-gwida ta' avukat li jkun irreġistrat mal-Kamra tal-Avukati. Jekk iridu jaħdmu bħala avukati bl-istess drittijiet u obbligi tal-avukati Portugiżi, iridu jirreġistraw mal-Kamra tal-Avukati u jridu jagħmlu eżami bil-kitba u orali bil-Portugiż.

Il-Kamra tal-Avukati hija l-assoċjazzjoni pubblika li tirrappreżenta lill-professjonisti li jkunu avukati prattikanti li jaġixxu f'konformità mal-istatut tal-Kamra. Hija tiżgura aċċess għall-lijijiet, tirregola l-professjoni u tiegħu azzjoni dixiplinari fil-konfront ta' avukati u ta' avukati li qed jagħmlu l-prattika (l-uniku korp li jagħmel hekk), tħares ir-rwol soċjali, id-dinjità u l-prestiġju tal-professjoni u tippromwovi aċċess għall-għarfien u l-applikazzjoni tal-liġi.

Iktar informazzjoni tinsab fuq <https://portal.oa.pt/>.

Konsulenti legali (*Consultores jurídicos*)

Fis-sistema legali Portugiża, ma hemm l-ebda distinzjoni bejn avukati u konsulenti legali.

Prokuraturi legali (*Solicitadores*)

Il-prokuraturi legali huma professjonisti indipendenti li jagħtu lill-klijenti tagħhom pariri legali u jirrapreżentawhom legalment fil-qorti, fil-limiti imposti mill-istatut tagħhom u mill-leġiżlazzjoni proċedurali. Huma jistgħu jirrapreżentaw lill-partijiet fil-qorti kull meta r-rappreżentanza legali minn avukat (*advogado*) ma tkunx obligatorja.

Il-prokuraturi legali jistgħu anke jirrapreżentaw legalment liċ-ċittadini u n-negozji barra mill-qorti, pereżempju, quddiem l-amministrazzjoni fiskali, fl-uffiċċji notarili, fl-uffiċċji tar-reġistraturi u quddiem il-korpi tal-amministrazzjoni pubblika.

B'x wieħed ikollu aċċess għall-professjoni, jeħtieġ li:

ikollu lawrja fil-liġi li tkun rikonoxxuta uffiċjalment u ma jkunx irreġistrat mal-Kamra tal-Avukati, jew ikollu lawrja rikonoxxuta uffiċjalment fl-istudji ta' prokuratur legali. Liċ-ċittadini barranin ta' Stat Membru ieħor tal-UE jrid ikollhom il-kwalifiki akkademiċi u professjonali meħtieġa legalment biex jeżerċitaw il-professjoni tagħhom fl-istat tal-oriġini rispettiv tagħhom; jagħmel prattika li ddum bejn 12 u 18-il xahar; jikseb referenzi xierqa waqt il-prattika, ipprovdut minn min jipprovdut l-prattika u miċ-ċentri tal-prattika, u jgħaddi minn eżami nazzjonali stabbilit f'konformità mar-regoli rilevanti.

Il-professjonisti minn Stat Membru ieħor tal-UE jew miż-Żona Ekonomika Ewropea jistgħu jirreġistraw ruħhom mal-Kulleġġ tal-Prokuraturi Legali (*Colégio dos Solicitadores*) f'konformità mal-Liġi Nru 9/2009 tal-4 ta' Marzu 2009, kif emendata.

L-Ordni tal-Prokuraturi Legali u l-Aġenti tal-Eżekuzzjoni (*Ordem dos Solicitadores e dos Agentes de Execução, OSAE*) hija l-assoċjazzjoni pubblika li tirrappreżenta lil dawn il-professjonisti legali. Hija responsabbli, fost l-oħrajn, biex teżerċita setgħat dixiplinari fuq il-membri tagħha u biex tagħti opinjonijiet dwar abbozzi ta' leġiżlazzjonijiet marbuta mal-kompetenzi tagħha.

Iktar informazzjoni tinsab fuq <http://www.osae.pt/>.

Aġenti tal-eżekuzzjoni (*Agentes de execução*)

L-aġenti tal-eżekuzzjoni huma professjonisti li jingħataw setgħat fil-livell nazzjonali biex iwettqu attivitajiet ta' eżekuzzjoni ċivili. Dawn huma professjonisti indipendenti u imparzjali u li ma jirrapreżentaw lill-ebda parti, imma li għandhom ir-responsabbiltà biex iwettqu l-formalitajiet kollha għall-eżekuzzjoni, inklużi l-qbid, in-notifika tad-dokumenti, l-avviżi u l-bejgħ tal-assi maqbuda. F'xi każijiet il-funzjonijiet tagħhom jistgħu jsiru minn uffiċjal tal-qorti.

L-aġenti tal-eżekuzzjoni jinħatru mill-parti li tkun qed titlob l-eżekuzzjoni jew mill-qorti.

L-aġenti tal-eżekuzzjoni jrid ikollhom lawrja fl-istudji bħala prokuratur legali jew fil-liġi u:

iridu jkunu ċittadini Portugiżi;

ma jridu jkunu koperti minn ebda restrizzjoni stipulata fl-Istatuti tal-Ordni tal-Prokuraturi Legali u l-Aġenti tal-Eżekuzzjoni jew tal-Kamra tal-Avukati;

ma jridux ikunu inklużi fil-lista pubblika uffiċjali tad-debituri fl-aħħar għaxar snin;

iridu jkunu temmew b'suċċess il-prattika ta' aġent tal-eżekuzzjoni;

iridu jagħmlu l-eżami għal assistenti legali wara li jkunu ħadmu għal iktar minn tliet snin bħala aġenti tal-eżekuzzjoni u jirċievu opinjoni favorevoli mill-

Kummissjoni għall-Assistenti Legali (*Comissão para o Acompanhamento dos Auxiliares de Justiça, CAAJ*);

iridu jirreġistraw mal-assoċjazzjoni professjonali rilevanti fi żmien tliet snin minn meta jtemmu b'suċċess il-prattika tagħhom;

irid ikollhom l-istrutturi u riżorsi minimi tal-IT kif stipulat minn regolament approvat mill-assemblea ġenerali.

L-Ordni tal-Prokuraturi Legali u l-Aġenti tal-Eżekuzzjoni u l-Kulleġġ Speċjalizzat tal-Aġenti tal-Eżekuzzjoni (*Colégio de Especialidade dos Agentes de Execução*) huma l-korpi responsabbli biex jirregolaw il-professjoni.

Is-CAAJ, li huwa indipendenti mill-Ordni tal-Prokuraturi Legali u l-Aġenti tal-Eżekuzzjoni, huwa l-korp responsabbli għas-sorveljanza u l-eżerċitar ta' azzjonijiet dixiplinari fuq l-aġenti tal-eżekuzzjoni.

Iktar informazzjoni tinsab fuq <http://www.osae.pt/> u <https://caaj.justica.gov.pt/>.

Nutara (*Notários*)

In-nutara huma professjonisti speċjalisti awtorizzati jwettqu funzjonijiet f'ċerti kuntesti legali. Dawn għandhom rwol ewlieni fil-kummerċ, kemm fl-ivell nazzjonali kif ukoll fl-ivell internazzjonali.

In-nutara għandhom is-setgħa li:

ifasslu kuntratti privati u jagħtu pariri lill-partijiet, filwaqt li jitttrattaw lil kull parti b'mod ġust; ifasslu dokumenti uffiċjali, filwaqt li jieħdu r-responsabbiltà għall-legalità tad-dokument u għal kull parir li jingħata; jinfurmaw lill-partijiet bl-implikazzjonijiet u l-konsegwenzi tal-impenji li jippjanaw li jidħlu għalihom (in-nutara huma obligati li jagħmlu dan);

jeżegwixxu t-tranżazzjonijiet legali maqbula fil-preżenza tagħhom. L-att jista' jiddaħħal direttament fir-reġistru uffiċjali jew, jekk waħda mill-partijiet tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha, issir l-eżekuzzjoni tiegħu mingħajr l-intervent ta' mħallf;

jagħmluha ta' medjaturi, b'mod imparzjali u b'konformità sħiħa mal-liġi, biex il-partijiet ikunu jistgħu jaslu għal ftehim aċċettabbli għal kulħadd;

ifasslu dokumenti għal proċedimenti tal-inventarju u t-termini tagħhom, flief f'dawk il-kwistjonijiet li ma jridux jiġu deċiżi fi proċedimenti tal-inventarju, minħabba n-natura jew il-komplessità legali jew fattwali tal-kwistjoni; kwistjonijiet bħal dawn iridu jiġu deċiżi minn imħallf fil-qorti distrettwali (*tribunal de comarca*) li jkollha l-ġuriżdizzjoni għall-uffiċċju notarili fejn ikunu nfetħu l-proċedimenti (il-Liġi Nru 2/2013 tal-5 ta' Marzu 2013, li approvat il-Qafas Legali għall-Proċedimenti tal-Inventarju, tat din is-setgħa lin-nutara u b'hekk ħolqot sistema ta' setgħat konġunti).

Ir-riforma tal-professjoni ta' nutar u l-privattizzazzjoni konsegwenti tas-settur ifissru li n-nutara għandhom rwol doppju: huma uffiċjali pubbliċi kif ukoll professjonisti liberi imma ma għadhomx impjegati taċ-ċivil.

Bħala uffiċjali pubbliċi, in-nutara jaqgħu taħt l-awspiċi tal-Ministeru għall-Ġustizzja, li għandu setgħat regolatorji, kif ukoll għandu s-setgħa li jieħu passi dixiplinari kontra n-nutara. Minħabba l-istatus liberali l-ġdid tal-professjoni, l-Ordni tan-Nutara ilu mill-2006 jirregola l-attivitajiet tan-nutara, flimkien mal-Ministeru għall-Ġustizzja, u b'hekk jiżgura li n-nutara jimxu mal-kodiċi tal-etika li huma obligati josservaw u jggarantixxi li jaħdmu fl-interess pubbliku kif inhu mitlub minnhom; dan ma jaffettwax is-setgħa tal-Ministeru li jintervjeni, li minħabba n-natura tal-professjoni, hija mogħtija lilu mil-liġi.

Iktar informazzjoni tinsab fuq <http://www.notarios.pt/OrdemNotarios/pt>.

Reġistraturi (Conservadores)

Ir-reġistraturi huma uffiċjali pubbliċi responsabbli għar-reġistrazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' fatti u atti legali relatati mal-proprjetà immobbli, il-proprjetà mobbli li trid tiġi rreġistrata, l-attivitàjiet tan-negozju u l-avvenimenti f'haġġiet in-nies. Ir-rwol tagħhom essenzjalment jinvolvi t-tweġġiq tal-verifiki legali tad-dokumenti msemmija hawn fuq u dawk relatati u l-iżgurar li d-drittijiet li jinsabu fid-dokumenti li jiċċertifikaw il-fatti li jridu jiġu rreġistrati jkunu definiti korrettament u jikkonformaw mal-ordni tar-reġistrazzjoni stipulata legalment; huma responsabbli wkoll għall-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni u jistgħu jiddeċiedu jdaħħlulx il-fatt jew l-att legali fir-reġistru jew le.

Skont l-oqsma tal-funzjonijiet tagħhom, ir-reġistraturi jistgħu jkunu:

Reġistraturi tar-reġistru ċivili (conservadores do registo civil), li l-funzjonijiet tagħhom jinvolvu d-definizzjoni u l-pubblikazzjoni ta' fatti u atti legali marbuta mal-ħajjet il-persuni fiżiċi. Il-kompetenza tagħhom tinkludi r-reġistrazzjoni ta' atti bħat-twelid, iż-żwieġ, il-mewt, l-adozzjoni u d-dikjarazzjoni u l-istabbiliment tal-maternità/paternità; l-organizzazzjoni tal-proċedimenti bħal dawk relatati mad-divorzju u s-separazzjoni kunsenswali; u l-ħruġ ta' ċertifikati u kopji ta' dokumenti reġistrati.

Reġistraturi tar-reġistru tal-artijiet (conservadores do registo predial), li jipubblikaw l-istatus legali tal-artijiet u tal-proprjetajiet bil-ħsieb li jiżguraw iċ-ċertezza legali tat-tranżazzjonijiet tal-proprjetajiet.

Reġistraturi tar-reġistru tal-vetturi (conservadores do registo de veiculos), li l-funzjonijiet tagħhom huma relatati mal-pubblikazzjoni tad-drittijiet fuq il-proprjetà mobbli li trid tkun irreġistrata (vetturi bil-mutur, bastimenti u inġenji tal-ajru) u li jipubblikaw l-istatus legali ta' vetturi bil-mutur u trailers bil-ħsieb li tkun żgurata iċ-ċertezza legali tat-tranżazzjonijiet.

Reġistraturi tar-reġistru kummerċjali (conservadores do registo comercial), li jipubblikaw l-istatus legali ta' kummerċjanti waħdiena, kumpaniji kummerċjali, kumpaniji tad-dritt ċivili li għandhom forma kummerċjali, stabbilimenti individwali b'responsabbiltà limitata u entitajiet oħrajn li jridu jkunu rreġistrati fir-reġistru kummerċjali bil-ħsieb li tkun żgurata iċ-ċertezza legali tat-tranżazzjonijiet.

L-aċċess għall-professjoni jeħtieġ lawrja fil-liġi minn università Portugiża jew kwalifika akkademika ekwivalenti. Il-kandidati jridu jgħaddu wkoll minn testijiet tal-aptitudni u jagħmlu kors universitarju ta' estensjoni ta' sitt xhur li jiffoka fuq is-suġġetti legali u s-suġġetti relatati mar-reġistrazzjoni meħtieġa mir-reġistraturi. Imbagħad dawn jagħmlu sena Prattika, u wara jieħdu sehem f'kompetizzjoni pubblika. Il-kandidati jkunu vvalutati f'kull stadju ta' dan il-proċess u jistgħu jkunu eliminati jekk jeħlu fi kwalunkwe stadju. L-istadju finali huwa kompetizzjoni pubblika organizzat mill-Istitut tar-Reġistri u tan-Nutara (*Instituto dos Registos e do Notariado*).

L-Istitut tar-Reġistri u tan-Nutara huwa responsabbli għad-direzzjoni, il-koordinazzjoni, l-appoġġ, l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tal-attività tal-uffiċċji tar-reġistri.

Iktar informazzjoni tinsab fuq <https://irn.justica.gov.pt/>.

Uffiċjali tal-qorti (Oficiais de Justiça)

L-uffiċjali tal-qorti huma kategorija ta' uffiċjali ġudizzjarji (*funcionário de justiça*) li jipprovdu assistenza proċedurali fil-qrati jew l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku. Madankollu, il-kunċett tal-uffiċċjal ġudizzjarju jkopri wkoll speċjalisti tal-informatika, persunal amministrattiv, tekniku u ta' appoġġ u ħaddiema tal-manutenzjoni.

L-aċċess għall-karriera ta' uffiċjal ġudizzjarju jibda bir-rwoli fil-livell tad-dħul ta' skrivan awżiljarju (*escrivão auxiliar*) fis-servizz ġudizzjarju u skrivan tal-qorti awżiljarju (*técnico de justiça auxiliar*) fil-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku. L-aċċess ikun miftuħ għall-persuni li jkunu temmew kors ta' taħriġ professjonali, u li jkunu ġew approvati permezz ta' proċedura ta' ammissjoni.

L-uffiċjali ġudizzjarji huma rregolati minn Statut speċifiku (*Estatuto dos Funcionários de Justiça*), kif stabbilit fid-Digriet Amministrattiv Nru 343/1999 tas-26 ta' Awwissu 1999, kif emendat. Dawn għandhom rwol importanti fil-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali, partikolarment fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttivi u r-Regolamenti Ewropej.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (*Direção-Geral da Administração da Justiça*) huwa l-korp tal-Ministeru għall-Ġustizzja responsabbli għar-reklutaġġ, il-ġestjoni u l-amministrazzjoni tal-uffiċjali ġudizzjarji.

Il-Kunsill tal-Uffiċjali tal-Qorti (*Conselho dos Oficiais de Justiça*) huwa l-korp responsabbli għall-valutazzjoni tal-mertu professjonali tal-uffiċjali tal-qorti, u għall-eżerċitar ta' awtorità dixiplinarja fil-konfront tagħhom.

Iktar informazzjoni tinsab fuq <https://dgaj.justica.gov.pt/>.

Medjaturi (Mediadores)

Fl-Artikolu 2(b) tal-Liġi 29/2013 tad-19 ta' April 2013, medjatur huwa ddefinit b'ħaġġa "(...) terza persuna imparzjali u indipendenti, mingħajr ebda setgħa li timponi x'azzjoni għandha tittieħed fuq il-partijiet li jirċievu l-medjazzjoni, u li tgħinhom jaslu għal ftehim finali dwar il-kwistjoni tat-tilwima". Din il-liġi tiproteġi wkoll l-istatus tal-medjaturi li jaħdmu l-Portugall u tistipula d-dispożizzjonijiet għall-inklużjoni tagħhom fil-listi ta' kull servizz pubbliku ta' medjazzjoni; dan isir permezz ta' proċedura tal-għażla, li hija rregolata mill-Ordni ta' Implimentazzjoni (*Portaria*) Nru 282/2010 tal-25 ta' Mejju 2010.

Xogħol il-medjaturi huwa importanti ħafna, peress li jgħinu lill-partijiet jaslu għal ftehim u dan jgħin biex tinżamm l-armonija soċjali u, f'xi każijiet, terġa' tinkiseb. Fil-Portugall, hemm medjaturi speċjalizzati li jitrattaw materji kriminali, industrijali u tal-familja. Ma hemm l-ebda NGO li taħdem fil-qasam tal-medjazzjoni, imma hemm assoċjazzjonijiet privati li jipprovdu servizzi tal-medjazzjoni u taħriġ għall-medjaturi.

Ma hemm l-ebda kodiċi tal-etika nazzjonali għall-medjaturi, imma l-Liġi dwar il-Medjazzjoni msemmija iktar 'il fuq tinkludi kapitolu dwar id-drittijiet u l-funzjonijiet tal-medjaturi, li jridu jagjixxu wkoll f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Kodiċi ta' Kondotta Ewropej għall-Medjaturi, li jagħmel parti mit-taħriġ tagħhom.

L-imġiba tal-medjaturi tkun isorveljata minn servizz pubbliku tal-medjazzjoni li huwa maqsum fi tliet partijiet li jiffukaw fuq materji ċivili, industrijali u kriminali. Kull parti tas-servizz pubbliku tal-medjazzjoni hija ġestita minn awtorità pubblika, li hija identifikata fl-istatut ta' assoċjazzjoni tal-awtorità.

Fil-Portugall, il-medjaturi ma jirċevux taħriġ mingħand korp pubbliku; minflok, jitħarrġu minn korpi privati li jkunu ċertifikati mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja (*Direção Geral da Política de Justiça*, DGPJ) f'konformità mal-Ordni ta' Implimentazzjoni Nru 345/2013 tas-27 ta' Novembru 2013, b' enfasi partikolari fuq il-konformità mal-qafas kwalitattiv.

Id-DGPJ, permezz tal-Uffiċċju għas-Soluzzjoni Alternattiv għat-Tilwim (GRAL), jiġġestixxi s-servizzi pubbliċi tal-medjazzjoni. Għalkemm ma jipprovdi informazzjoni dwar kif issib medjatur, huwa jżomm listi ta' medjaturi, u l-medjaturi jistgħu jżidu isimhom ma' din il-lista billi jieħdu sehem fil-proċedura tal-għażla stipulata fir-regoli approvati bl-Ordni ta' Implimentazzjoni Nru 282/2010 tal-25 ta' Mejju 2010.

Iktar informazzjoni tinsab fuq <http://www.dgpj.mj.pt/>.

Amministraturi ġudizzjarji (Administradores Judiciais)

L-amministraturi ġudizzjarji huma responsabbli għas-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-atti li huma parti mill-proċess ta' rkupru speċjali (*processo especial de revitalização*); huma jiġġestixxu jew jillikwidaw ukoll il-patrimonju tal-insolvenza f'proċedimenti ta' insolvenza, u jwettqu l-funzjonijiet kollha konferiti lilhom mill-istatut jew mil-liġi. Jista' jinħatar amministratur ġudizzjarju, amministratur tal-insolvenza jew trustee temporanju skont il-kompiti li se jitwettqu fil-proċedimenti.

Ir-rwol tal-amministratur ġudizzjarju huwa stabbilit fil-Liġi Nru 22/2013 tas-26 ta' Frar 2013.

Amministratur ġudizzjarju:

irid ikollu lawrja universitarja rilevanti u esperjenza professjonali xierqa;

irid jagħmel sitt xhur prattika għall-amministraturi ġudizzjarji;

irid jgħaddi minn test tal-ammissjoni maħsub speċifikament biex jivvaluta l-għarfien miksub waqt il-prattika;

ma jridx ikun f'sitwazzjoni li tkun inkompatibbli mal-funzjonijiet professjonali tiegħu;

irid ikun adattat għall-professjoni.

Il-Kummissjoni għall-Assistenti Legali (*Comissão para o Acompanhamento dos Auxiliares da Justiça*, CAAJ) hija responsabbli għall-proċedura ta' ammissjoni għall-amministraturi legali u tissorvelja l-ħidma tagħhom.

Iktar informazzjoni tinsab fuq <https://caaj.justica.gov.pt/>.

Uffiċjal tal-proprjetà industrijali (*Agente Oficial da Propriedade Industrial*)

L-uffiċjali tal-proprjetà industrijali huma speċjalisti fil-proprjetà industrijali li jistgħu jiġu mitluba mill-kumpaniji u l-individwi biex jgħinuhom jiddefendu d-drittijiet u l-interessi tagħhom f'dan il-qasam.

L-uffiċjali tal-proprjetà industrijali huma awtorizzati mill-Istitut Nazzjonali tal-Proprietà Industrijali (*Instituto Nacional da Propriedade Industrial*) iwettqu atti tal-proprjetà industrijali f'isem il-klijenti tagħhom mingħajr ma jkollhom għalfejn jippreżentaw il-prokura tagħhom.

L-aċċess għal din l-attività fil-Portugall huwa rregolat mid-Digriet Amministrattiv Nru 15/95 tal-24 ta' Jannar 1995 (kif emendat) u mill-Ordni ta'

Implimentazzjoni Nru 239/2013 tal-25 ta' Lulju 2013.

Iktar informazzjoni tinsab fuq <https://inpi.justica.gov.pt/>.

Organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi legali mingħajr ħlas (*pro bono*)

Il-Ministeru għall-Ġustizzja, f'kooperazzjoni mal-Kamra tal-Avukati u mal-awtoritajiet lokali, jiżgura l-eżistenza, fit-territorju Portugiż kollu, ta' Uffiċċju għall-Konsulenza Ġuridika (*Gabinetes de Consulta Jurídica*), fejn iċ-ċittadini jistgħu jieħdu pariri legali mingħajr ħlas mingħand professjonisti legali. Tista' ssib lista ta' dawn l-uffiċċji, flimkien mad-dettalji ta' kuntatt rilevanti, online, inkluż fis-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja ([paġna ewlenija](#)).

L-aħħar aġġornament: 29/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.